**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 18 ta' Jannar 2017**

**Talba Nru: 558/16 CZ**

**Charles u Marthese konjugi Falzon (ID 471567 (M) u 451366 (M) rispettivament)**

**vs.**

**Mockett Keith Henry George (ID 0058832 (A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Novembru 2016 fejn l-atturi talbu lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' tlett'elef Euro (€3,000) dovuti ghall-kera fuq il-fond Hampton's Court, Blcok A, Flat 9, Triq il-Qroll, Bugibba, bil-kera ta' hames mitt Euro (€500) fix-xahar, liema kera kienet dovuta ghall-

perjodu minn April sa Settembru 2016. L-atturi talbu wkoll il-hlas ta' mitejn u sitta w tmenin Euro u sbatax-il centezmu (€286.17) ghal oggetti li ma nstabux.

Illi l-atturi qalu wkoll illi l-konvenut gie ufficjalment interpellat sabiex ihallas izda baqa' ma hallasx, u ghalhekk talbu l-hlas tas-somma fuq imsemmija, bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv, inkuzi dawk tal-mandat ta' sekwestru li gie prezentat kontestwalment mal-kawza odjerna.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-16 ta' Jannar 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mill-atturi fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2017 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett'elef, mitejn u sitta u tmenin Euro u sbatax–il centezmu (€3,286.17) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**